Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 14 ta' Jannar 2019 (OR. en)**

**15671/1/18 REV 1**

**PUBLIC 106 INF 253**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - LULJU U AWWISSU 2018 |

Dan id-dokument jelenka l-atti[1] adottati mill-Kunsill f'Lulju u f'Awwissu 2018.[2][3]

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni u, jekk ikun il-każ, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

---

1 Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara fil-*korsiv*).

2 Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u mill-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

3 Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, appuntamenti, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:
Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill (atti) - Consilium

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: Minuti tal-Kunsill - Consilium

| INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'LULJU U AWWISSU 2018 | |
| --- | --- |
| **Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-5 ta' Lulju 2018** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/964 tal-5 ta' Lulju 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna<br>ĠU L 172, 9.7.2018, p. 3-3 | 10515/18 |
| **Proċedura bil-miktub li tlestiet fis-6 ta' Lulju 2018** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta għall-emendar tal-Annessi 2 u 3 għall-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi | 10326/18 |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mid-Danimarka**<br>Id-Danimarka temmen li l-kaċċa u t-teħid ta' għasafar u bajd tal-popolazzjonijiet tal-Margun tat-Toppu (Phalacrocorax aristotelis), il-Purċinell tal-Baħar (Fratercula arctica) u l-Mus tal-Baħar (Alca torda) li jseħħu fil-Gżejjer Faeroe għandhom jibqgħu legali u mhux soġġetti għar-regolament tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi, għaliex id-Danimarka tappoġġa li l-Gżejjer Faroe għandhom jieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti rigward il-ġestjoni tal-għasafar fil-Gżejjer Faeroe abbażi tal-interessi lokali u t-tradizzjonijiet lokali. Il-Gżejjer Faeroe qed jimmonitorjaw u jieħdu inizjattivi għall-assigurazzjoni ta'ġestjoni sostenibbli tal-popolazzjonijiet tal-għasafar lokali.<br>Id-Danimarka għalhekk ma tappoġġax il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta għall-emendar tal-Anness 2 tal-Ftehim biż-żieda tal-Margu tat-Toppu (Phalacrocorax aristotelis). Barra minnhekk, id-Danimarka ma tappoġġax l-ispostament tal-popolazzjonijiet kollha tal-Purċinell tal-Baħar (Fratercula arctica) għall-Kolonna A tat-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim, u d-Danimarka ma tappoġġax l-ispostament tal-popolazzjonijiet kollha tal-Mus tal-Baħar (Alca torda) għall-Kolonna A tat-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim.<br>Il-pożizzjoni tad-Danimarka fir-relazzjonijiet internazzjonali hija karatterizzata mill-fatt li d-Danimarka, minbarra s-sħubija tagħha fl-UE, għandha rwol indipendenti bħala l-Istat responsabbli mill-Gżejjer Faeroe u Greenland, li mhumiex membri tal-UE u, għalhekk, mhumiex marbutin bid-dritt tal-UE.<br>Jekk il-proposta tal-UE titressaq għal votazzjoni skont il-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi, id-Danimarka mhux biħsiebha tappoġġa tali proposta. Id-Danimarka ser tagħmel biċ-ċar li d-Danimarka qed taġixxi f'isem il-Gżejjer Faeroe u mhux bħala Stat Membru tal-UE. |
| **Dikjarazzjoni mill-Bulgarija**<br>Il-Bulgarija tappoġġa l-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill kif tinsab fid-dokument 10326/18 u tista' taqbel mal-adozzjoni tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq.<br>L-ispeċijiet Phalacrocorax aristotelis u Calidris ferruginea huma soġġetti għall-protezzjoni skont l-Att Nazzjonali dwar d-Diversità Bijoloġika, għalhekk, il-forom kollha ta' teħid, qtil, insegwiment, disturb u distruzzjoni tal-postijiet tatat-tnissil u tal-mistrieħ huma projbiti. Eċċezzjonijiet huma permessi f'ċerti każijiet preskritti fil-leġislazzjoni nazzjonali.<br>Il-Bulgarija temmen li l-ispeċijiet tal-Puliċinell tal-Baħar (Fratercula arctica) u l-Mus tal-Baħar (Alca torda) għandhom ukoll jkunu soġġetti għall-protezzjoni internazzjonali skont il-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi u għalhekk tappoġġa l-elenkar tagħhom. |

| | |
|---|---|
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/965 tas-6 ta’ Lulju 2018 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni pagament parzjali u ammont annwali rivedut għall-2018<br>ĠU L 172, 9.7.2018, p. 4-6 | 10289/18 |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/966 tas-6 ta' Lulju 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika<br>ĠU L 174, 10.7.2018, p. 1-1 | 7963/18 |

**It-3631 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) li saret fi Brussell fit-13 ta’ Lulju 2018**

ATTI LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
|---|---|---|---|
| *Riforma tal-Att Elettorali*<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2018/994 tat-13 ta’ Lulju 2018 li temenda l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, annessa mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976<br>ĠU L 178, 16.7.2018, p. 1-3 | 9425/18 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Astensjoni: BE, UK |

**Dikjarazzjoni mill-Portugall**

Il-Portugall jiddikjara li l-vot favorevoli tiegħu huwa bbażat fuq il-presuppożizzjoni li l-limitu massimu stabbilit mill-Artikolu 3 ma japplikax għall-Portugall minħabba li għandu inqas minn 35 siġġu fil-Parlament Ewropew, skont l-allokazzjoni attwali. Madankollu, jekk tinbidel id-distribuzzjoni tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew, il-Kostituzzjoni tar-Repubblika Portugiża ma tippermettix l-applikazzjoni ta' limitu massimu bħal dak previst fl-Artikolu 3, peress li jillimita l-konverżjoni ta' voti f'siġġijiet permezz tal-istabbiliment ta' perċentwal minimu.

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| *Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2018 lil kull Stat Membru, u li jagħtu Opinjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza aġġornati* | 9454/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Belġju u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Belġju<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 1-6 | 9428/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Bulgarija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tal-Bulgarija<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 7-11 | 9429/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tar-Repubblika Ċeka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tar-Repubblika Ċeka<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 12-15 | 9432/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tad-Danimarka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tad-Danimarka<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 16-18 | 9433/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Ġermanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Ġermanja<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 19-23 | 9437/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Estonja tal-2018 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Estonja<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 24-26 | 9434/19 |

| | |
|---|---|
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Irlanda u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Irlanda<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 27-32 | 9439/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 ta' Spanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 ta' Spanja<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 33-38 | 9451/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 ta' Franza u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 ta' Franza<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 39-43 | 9436/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Kroazja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tal-Kroazja<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 44-47 | 9430/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Italja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Italja<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 48-54 | 9440/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 ta' Ċipru u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 ta' Ċipru<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 55-59 | 9431/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Latvja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Latvja<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 60-63 | 9441/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Litwanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Litwanja<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 64-67 | 9442/18 |

| | |
|---|---|
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Lussemburgu u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Lussemburgu<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 68-71 | 9443/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Ungerija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tal-Ungerija<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 72-75 | 9438/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 ta' Malta<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 76-79 | 9444/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tan-Netherlands u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tan-Netherlands<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 80-83 | 9445/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Awstrija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Awstrija<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 84-87 | 9427/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Polonja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tal-Polonja<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 88-91 | 9446/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Portugall u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Portugall<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 92-97 | 9447/18 |

| | |
|---|---|
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tar-Rumanija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tar-Rumanija<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 98-102 | 9448/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tas-Slovenja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tas-Slovenja<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 103-106 | 9450/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tas-Slovakkja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tas-Slovakkja<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 107-111 | 9449/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Finlandja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Finlandja<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 112-115 | 9435/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Iżvezja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tal-Iżvezja<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 116-118 | 9452/18 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tar-Renju Unit u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tar-Renju Unit<br>ĠU C 320, 10.9.2018, p. 119-121 | 9453/18 |

**Dikjarazzjoni mill-Kroazja**

Il-Kroazja taċċetta kompletament ir-rakkomandazzjonijiet li saru fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Kroazja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tal-Kroazja (COM(2018) 410 final) li jikkorrispondu mal-politiki tal-Gvern tal-Kroazja.

Il-Kroazja mhijiex f'pożizzjoni li taċċetta rakkomandazzjonijiet li ma jikkorrispondux mal-politiki ddikjarati tal-Gvern tal-Kroazja, jiġifieri b'mod partikolari li "tiġi introdotta taxxa rikorrenti fuq il-proprjetà".

Il-fatt li l-introduzzjoni ta' taxxa fuq il-proprjetà mhux ser tibqa' l-politika tal-Gvern tal-Kroazja kien diġà ċar f'Settembru 2017, meta l-introduzzjoni tat-taxxa fuq il-proprjetà tneħħiet permezz tal-emendi għall-Att tat-Taxxa Lokali. Konsegwentement, din il-miżura ma ġietx inkluża fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Kroazja ppreżentat lill-Kummissjoni xahar qabel l-adozzjoni ta' COM(2018) 410 final.

Minkejja dan, il-Kroazja hija konxja mill-kapaċità fiskali dgħajfa tal-unitajiet ta' amministrazzjoni awtonoma lokali tagħha u qed tieħu miżuri biex issaħħaħha. Bħala eżempju, l-Att il-ġdid dwar il-Finanzjament tal-Unitajiet Awtonomi Lokali u Reġjonali, li daħal fis-seħħ f'Jannar 2018, jintroduċi mudell ta' ugwaljanza fiskali ta' kwalità ogħla, kif ukoll mudell aktar ġust u aktar trasparenti tar-ridistribuzzjoni tad-dħul bejn l-unitajiet ta' amministrazzjoni awtonoma lokali. Bħala riżultat, id-dħul kollu mit-taxxa tad-dħul kien trasferit għall-amministrazzjonijiet awtonomi lokali u reġjonali. Barra minn hekk, il-Gvern tal-Kroazja qed iwettaq kontinwament attivitajiet immirati għall-aġġornament tar-reġistri tal-proprjetà immobbli u dawk iwasslu għal żieda fid-dħul mill-imposti eżistenti, li huma wkoll id-dħul tal-amministrazzjonijiet awtonomi lokali u reġjonali.

Minħabba l-fatt li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill huma purament iffukati fuq il-programmi nazzjonali ta' riforma u l-programmi ta' konverġenza tal-Istati Membri, – dokumenti li fihom miżuri ta' sjieda tal-Istati Membri, kif ġie kkonfermat ripetutament f'fora differenti kemm mill-Istati membri kif ukoll mill-Kummissjoni – il-Kroazja temmen b'mod qawwi li din ir-regola u l-prattika għandhom ikompli jiġu rrispettati. Miżuri li t-twettiq tagħhom hija fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri u li l-Istati Membri nfushom espliċitament għażlu li ma jwettqux m'għandhomx ikunu parti mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill.
Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal pajjiżi għandhom jipprovdu lill-Istati Membri bi gwida għar-riformi nazzjonali u ma jimponux soluzzjonijiet speċifiċi.

B'kont meħud ta' dan, filwaqt li jaċċetta r-rakkomandazzjonijiet magħmula f'COM(2018) 410 final li huma konformi mal-politiki ddikjarati tal-Gvern tal-Kroazja, il-Kroazja ma tistax taċċetta dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jmorru kontrihom.

| | |
|---|---|
| *Regolament UPPE: Deċiżjoni dwar l-operazzjoni tal-bord tal-għażla*<br>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 tat-13 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE")<br>ĠU L 282, 12.11.2018, p. 8-12 | 10413/18 |
| *Ftehim dwar l-Istatus mal-Albanija*<br>*Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-ftehim dwar l-istatus mal-Albanija dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija EBCG fl-Albanija*<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/101 tat-13 ta' Ġunju 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim tal-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Albanija dwar azzjonijiet imwettqa mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Albanija<br>ĠU L 185, 23.7.2018, p. 6-8 | 10285/18 |
| *Missjoni EUCAP Sahel Niger - estensjoni bla spejjeż - Deċiżjoni*<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/997 tat-13 ta' Lulju 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger)<br>ĠU L 178, 16.7.2018, p. 7-8 | 9668/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Qafas bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea - Adeżjoni tal-Kroazja*<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1041 tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll għall-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 188, 25.7.2018, p. 1-2 | 7817/16 |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim UE - New Zealand skont l-Artikoli XXIV:6 u XXVIII tal-GATT 1994*<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1030 tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 185, 23.7.2018, p. 1-2 | 10670/17 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim UE - New Zealand skont l-Artikoli XXIV:6 u XXVIII tal-GATT 1994*<br>Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 185, 23.7.2018, p. 3-5 | 10672/17 |

**It-3632 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd) li saret fi Brussell fis-16 ta' Lulju 2018**

ATTI LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
|---|---|---|---|
| *Regolament dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli (IFS)*<br>Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 2018/1091 2018/1091dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1-29 | 26/1/18 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Astensjonijiet: DK, DE, NL |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Regolament li jistabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP)*<br>Ir-Regolament (UE) 2018/1092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni<br>ĠU L 200, 7.8.2018, p. 30-43 | 28/1/18 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-finanzjament tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali, li l-finanzjament tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża ser jiġi kopert fis-snin 2019-2020 kif ġej:

– EUR 200 miljun mill-marġini mhux allokat;
– EUR 116,1 miljun mis-CEF;
– EUR 3,9 miljun mill-EGNOS;
– EUR 104,1 miljun mill-Galileo;
– EUR 12-il miljun mill-Copernicus;
– EUR 63,9 miljun mill-ITER.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-programm**

Sabiex il-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża jiġi implimentat b'mod effiċjenti u tiġi żgurata konsistenza sħiħa ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni, il-Kummissjoni beħsiebha timplimenta l-programm taħt ġestjoni diretta b'konformità mal-Artikolu 62(1)(a) tar-Regolament Finanzjarju.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tħejjija u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma tal-EDIDP**

F'konformità mal-Artikolu 188 tar-Regolament Nru 1268/2012, il-Kummissjoni hija responsabbli mit-tħejjija tal-programm ta' ħidma. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li l-lista ta' prijoritajiet identifikati fir-Regolament li jistabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża ma għandhiex tkun eżawrjenti u għalhekk, mhijiex tal-fehma li dan il-każ jenħtieġ li jikkostitwixxi preċedent dwar il-marġni tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni.

<table>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-għażla tal-esperti għall-evalwazzjoni tal-proposti skont il-programm fil-kuntest tal-proċedura tal-għoti<br><br>Il-Kummissjoni ser tiżgura li l-esperti magħżula fil-bażi tad-data tal-esperti indipendenti msemmija fl-Artikolu 15 ikollhom il-ħiliet, l-esperjenza u l-għarfien meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom kif xieraq. Il-Kummissjoni tista’ tuża kwalunkwe sors rilevanti, inkluża kwalunkwe informazzjoni li jista’ jkollhom l-Istati Membri f’dan ir-rigward, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ ir-Regolament Finanzjarju.<br><br>Il-Kummissjoni ser tiżgura li jitqies kemm jista’ jkun il-feedback tal-Istati Membri dwar il-kredenzjali tal-esperti fil-bażi tad-data tal-esperti indipendenti.</td></tr>
<tr><td>Proposta Omnibus (regoli finanzjarji)<br>Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012</td><td>13/18</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni konġunta dwar il-proċedura ta' kwittanza u d-data tal-adozzjoni tal-kontijiet finali tal-UE<br><br>Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni – f'kooperazzjoni mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri – ser jistabbilixxu kalendarju pragmatiku għall-proċedura ta' kwittanza.<br><br>F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni tikkonferma li ser tħabrek biex tadotta l-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għas-sena finanzjarja 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018 dment li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri tibgħat il-konklużjonijiet kollha tagħha dwar l-affidabbiltà ta' dawn il-kontijiet tal-UE, u l-kontijiet konsolidati tal-entitajiet kollha, sal-15 ta' Mejju 2018, u l-abbozz tar-rapport annwali tagħha sal-15 ta' Ġunju 2018.<br><br>Il-Kummissjoni tikkonferma wkoll li ser tħabrek biex tagħti t-tweġibiet tagħha għar-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2017 sal-15 ta' Awwissu 2018 dment li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri tibgħat l-abbozz tal-osservazzjonijiet tagħha lill-Kummissjoni sal-1 ta' Ġunju 2018.</td></tr>
</table>

**Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni**

**Dikjarazzjoni fir-rigward tal-Artikolu 38 Pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-benefiċjarji u informazzjoni oħra**

Il-Kummissjoni, permezz ta' netwerks mal-Istati Membri, ser tappoġġa l-iskambju ta' prattiki tajbin rigward il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' fondi tal-Unjoni implimentati b'ġestjoni kondiviża. Il-Kummissjoni ser tieħu kont debitu tat-tagħlimiet meħuda fid-dawl tat-tħejjija għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-QFP (ġabra unika ta' regoli)**

Il-Kummissjoni tissottolinja l-importanza li jsir progress fil-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2020 lejn sett uniku ta' regoli li jirregola l-istess tip ta' operazzjonijiet irrispettivament mill-mod kif dawn l-operazzjonijiet ikunu implimentati.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni b'rabta mal-Artikolu 234(1) rigward il-ħolqien ta' fondi Fiduċjarji tematiċi**

Minkejja t-tħassib espress mill-Kummissjoni matul in-negozjati, l-Artikolu 234(1) tar-Regolament Finanzjarju jirrikjedi li kwalunkwe deċiżjoni biex jiġu stabbiliti Fondi Fiduċjarji tematiċi tal-UE għandha tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-Kummissjoni tqis li tali deċiżjoni taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 317 TFUE, peress li din tikkonċerna l-implimentazzjoni tal-baġit. Il-kontroll previst mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni mhuwiex previst fir-Regolament (UE) Nru 182/2011[1], u jkun imur kontra kemm l-Artikolu 291 TFUE kif ukoll kontra dan ir-regolament. Għalhekk il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet tagħha.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 247 *Rappurtar finanzjarju u kontabilistiku integrat***

Il-Kummissjoni ser tistinka biex tipprovdi t-tbassir fit-tul ta' flussi ta' dħul u ta' ħruġ futuri li jkopru l-ħames snin li ġejjin fi ħdan il-proċedura baġitarja, flimkien mal-Ittra ta' Emenda għall-Abbozz tal-Baġit.

**Dikjarazzjoni fir-rigward tal-Artikolu 266 *Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-proġetti ta' bini***

Il-Kummissjoni u s-SEAE ser jinfurmaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fil-kuntest tad-dokument ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 266, bi kwalunkwe bejgħ u akkwist ta' bini, inkluż dawk taħt il-limitu massimu stipulat f'dak l-Artikolu.

[1] Ir-Regolament (UE) 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55 tat-28.2.2011, p. 13).

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar reviżjonijiet futuri tar-Regolament Finanzjarju (valutazzjoni tal-impatt)**

Il-Kummissjoni tissottolinja li r-Regolament Finanzjarju jipprovdi r-regoli ġenerali u s-sett ta' għodod għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' nfiq. Għalhekk m'hemm l-ebda impatt ekonomiku, ambjentali jew soċjali li jirriżulta minn reviżjonijiet tal-leġislazzjoni u li jista' jkun utli li jiġi analizzat permezz ta' valutazzjoni tal-impatt. Il-valur miżjud tal-valutazzjonijiet tal-impatt meta jsiru għażliet ta' politika dwar programmi ta' nfiq speċifiċi, li għandhom ikunu konformi mal-qafas regolatorju previst mir-Regolament Finanzjarju. Il-Kummissjoni tikkonferma li ser ikunu meħtieġa valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa fit-tħejjija ta' dawn il-programmi.

Il-Kummissjoni ser tkompli wkoll il-prattika tagħha ta' konsultazzjonijiet immirati u pubbliċi mal-partijiet kollha konċernati u mal-pubbliku inġenerali. Barra mir-riżultati ta' dawn il-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni ser tindika wkoll fil-memorandum ta' spjegazzjoni ta' reviżjonijiet futuri kif qieset l-evalwazzjonijiet rilevanti tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-programmi jew tal-għodod ipprovduti fir-Regolament Finanzjarju li hija tipproponi li timmodifika.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Artikolu 272(8)**

Il-Kummissjoni tikkunsidra li, meta grupp ta' azzjoni lokali jwettaq il-kompiti stabbiliti fil-punti (a) sa (g) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 34(3) tar-Regolament Nru 1303/2013 kif emendat b'dan ir-Regolament, dak il-grupp ta' azzjoni lokali m'hemmx għalfejn jinħatar bħala korp intermedjarju. Madankollu, f'każijiet bħal dawn, il-verifika finali tal-eliġibilità tal-operazzjonijiet qabel l-approvazzjoni tagħhom għandha tibqa' l-kompitu tal-awtorità ta' ġestjoni, sakemm dak il-kompitu jkun formalment delegat lill-grupp ta' azzjoni lokali. F'dak il-każ, il-grupp ta' azzjoni lokali għandu jinħatar bħala korp intermedju u għandu jwettaq dak il-kompitu taħt ir-responsabbiltà finali tal-awtorità ta' ġestjoni f'konformità mal-Artikolu 123(6) tar-Regolament Nru 1303/2013 fil-każ tal-Fondi u l-FEMS, jew skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 1305/2013 fil-każ tal-FAEŻR.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Artikolu 272(14) il-punt (a)**

Il-Kummissjoni tikkonferma li r-regoli dwar il-ġestjoni u l-kontroll, kif imniżżel fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 40 tar-Regolament Nru 1303/2013 applikabbli fil-mument tal-iffirmar tal-ftehimiet ta' finanzjament, għandu jibqa' japplika għal strumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 39 tar-Regolament Nru 1303/2013 li kienu stabbiliti minn ftehim ta' finanzjament iffirmat qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Din id-deroga hija diġà mnaqqxa fil-qafas legali permezz tal-Artikolu 40 (2a) tar-Regolament Nru 1303/2013 u tkopri t-tul tal-ħajja kollu ta' dawn l-istrumenti, inkluż kwalunkwe emenda tal-ftehim ta'finanzjament inizjali, li tista' tinkludi kontribuzzjonijiet addizzjonali.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Artikolu 272(16) il-punt (a)**

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar il-modifika tal-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 1303/2013, billi din ser twassal għal żieda fl-ammonti tal-baġit tal-UE li qed jiġu mħallsa f'kontijiet miżmuma minn terzi. Kwalunkwe nefqa eliġibbli mhux użata fil-perjodu ta' programmazzjoni u mħallsa f'kont miżmum minn terzi timplika eċċezzjoni sinifikanti għar-regoli tal-politika ta' koeżjoni peress li tmur kontra l-prinċipju bażiku li l-appoġġ mill-politika ta' koeżjoni għandu jkun implimentat u kontabilizzat fil-mument tal-għeluq tal-programmi. Barra minn hekk, dan iwassal għal kwistjonijiet prattiċi ta' implimentazzjoni relatati, b'mod partikolari, mar-rappurtar u l-awditjar ta' ammonti mħallsa f'kontijiet miżmuma minn terzi.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Artikolu 272(26) il-punti (a) u (e)**

Il-Kummissjoni ttenni li, irrispettivament mill-bidliet leġislattivi fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli għal operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett wara li jitlestew, il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba – kif stabbilit fl-Artikolu 33 ta' dan ir-Regolament – jeħtieġ li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jagħmlu l-arranġamenti xierqa biex jiġi evitat is-sovrafinanzjament ta' dawn l-operazzjonijiet , inkluż fejn dawn l-operazzjonijiet huma soġġetti għal għajnuna mill-Istat jew jiġġeneraw iffrankar tal-ispejjeż operattivi. Dan għandu jkun partikolarment il-każ għal operazzjonijiet bi spiża totali eliġibbli li taqbeż EUR 1.000.000, fejn il-benefiċjarju ma jkunx SME.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Artikolu 273**

Ir-regoli "de minimis" dwar l-għajnuna mill-Istat huma stabbiliti f'regolamenti adottati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 108(4) TFUE skont is-setgħat mogħtija lilha mill-Kunsill taħt l-Artikolu 109 TFUE (permezz tar-Regolament tal-Kunsill 2015/1588).

Miżuri li ma jeċċedux il-limitu tar-Regolamenti de minimis (fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, EUR 200.000 għal kull impriża fuq perjodu ta' tliet snin) huma meqjusa li ma jkollhom l-ebda effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Dawn għalhekk jistgħu jiġu implementati mingħajr ma jaqgħu taħt il-projbizzjoni tal-għajnuna mill-Istat stabbilita fl-Artikolu 107(1) TFUE.

Ir-regola de minimis għandha l-għan li ssib bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u li tevita d-distorsjonijiet fis-suq intern, fejn l-Istati Membri jkollhom il-kapaċitajiet finanzjarji differenti biex jissussidjaw l-ekonomiji tagħhom. L-ammont ta' għajnuna de minimis ġie stabbilit f'livell li taħtu wieħed jista' jassumi kważi b'ċertezza li l-għajnuna mhux ser ikollha effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

Il-Kummissjoni fil-preżent mhijiex tqis bidliet għar-regoli de minimis biex tieħu ħsieb ekonomiku eċċezzjonalment gravi. Madankollu, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li fil-passat diġà kienet stabbiliet miżuri eċċezzjonali biex tippermetti li għajnuna mill-Istat tindirizza taqlib serju fl-ekonomija tal-Istati Membri. Pereżempju, bi tweġiba għall-effetti tal-kriżi finanzjarja fuq l-ekonomija reali, hija adottat l-hekk imsejjaħ "Qafas Temporanju", li kien applikabbli minn Diċembru 2009 sa Diċembru 2011 u ppermettiet, fost oħrajn, għajnuna sa EUR 500.000 għal kull impriża. Il-Kummissjoni żżomm il-possibbiltà li tieħu miżuri bħal dawn fejn ikun meħtieġ skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE.

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri*<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1215 tas-16 ta' Lulju 2018 dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri<br>ĠU L 224, 5.9.2018, p. 4-9 | 10464/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' Protokoll għall-Ftehim INTERBUS dwar l-adeżjoni possibbli tar-Renju tal-Marokk*<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1211 tas-16 ta' Lulju 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju tal-Marokk (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 222, 3.9.2018, p. 1-2 | 9562/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim INTERBUS (2018)*<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1034 tas-16 ta' Lulju 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (Ftehim Interbus), fir-rigward tal-abbozz ta' Deċiżjoni Nru x/xxxx ta' dak il-Kumitat (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 185, 23.7.2018, p. 16-26 | 9565/1/18 REV 1 |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' Protokoll għall-Ftehim INTERBUS dwar is-servizzi regolari*<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1195 tas-16 ta' Lulju 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għall-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (Ftehim Interbus) fir-rigward tat-trasport internazzjonali regolari u regolari speċjali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 214, 23.8.2018, p. 3-4 | 9561/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura ta' dak il-kumitat | 10158/18 |
| *Rakkomandazzjoni dwar l-Evalwazzjoni ta' Schengen - Żvezja, Protezzjoni tad-Data*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Iżvezja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data | 11174/18 |
| *Rakkomandazzjoni dwar l-Evalwazzjoni ta' Schengen - Ungerija, Ritorn*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Ungerija dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn | 11182/18 |
| *Rakkomandazzjoni dwar l-Evalwazzjoni ta' Schengen - Italja, Fruntiera Esterna*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni għall-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Italja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni (Ajruport Milan Bergamo) | 11183/18 |

| | |
|---|---|
| *Rakkomandazzjoni dwar l-Evalwazzjoni ta' Schengen - Polonja, Fruntiera Esterna*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni għall-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Polonja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni (Ajruport Chopin ta' Varsavja) | 11184/18 |
| *Rakkomandazzjoni dwar l-Evalwazzjoni ta' Schengen - SIS tal-Kroazja*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-Kroazja bil-ħsieb li jintlaħqu l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen | 11185/18 |
| *Rakkomandazzjoni dwar l-Evalwazzjoni ta' Schengen - SIS tal-Portugall*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Portugall dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen | 11187/18 |
| *Deċiżjonijiet ta' Prüm: Konklużjonijiet dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data dattiloskopika fil-Kroazja*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI - Evalwazzjoni tal-Kroazja rigward l-iskambju awtomatizzat ta' data dattiloskopika | 11225/18 |
| *Deċiżjonijiet ta' Prüm: Konklużjonijiet dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data dattiloskopika fl-Irlanda*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI - Evalwazzjoni tal-Irlanda rigward l-iskambju awtomatizzat ta' data dattiloskopika | 11226/18 |
| *Deċiżjonijiet ta' Prüm: Konklużjonijiet dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data dwar id-DNA fl-Irlanda*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI - Evalwazzjoni tal-Irlanda rigward l-iskambju awtomatizzat ta' data dwar id-DNA | 11228/18 |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjonijiet ta' Prüm: Konklużjonijiet dwar l-implimentazzjoni tad-"Deċiżjonijiet ta' PRÜM" għaxar snin wara l-adozzjoni tagħhom*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-"DEĊIŻJONIJIET TA' PRÜM" għaxar snin wara l-adozzjoni tagħhom | 11227/18 |
| *Deċiżjonijiet ta' Prüm: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data dwar id-DNA fil-Kroazja*<br>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1035 tas-16 ta' Lulju 2018 dwar il-varar fil-Kroazja tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar id-DNA<br>ĠU L 185, 23.7.2018, p. 27-28 | 6986/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat Konġunt CETA - Regoli ta' Proċedura*<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1062 tas-16 ta' Lulju 2018 dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt CETA stabbilit mill-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt CETA u l-kumitati speċjalizzati<br>ĠU L 190, 27.7.2018, p. 13-19 | 9375/18 |
| **Dikjarazzjoni mill-Kunsill u l-Istati Membri dwar Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt tas-Ceta**<br>Il-Kunsill u l-Istati Membri jfakkru li meta deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tas-CETA taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fi ħdan il-Kumitat Konġunt tas-CETA għandha tiġi adottata bi ftehim komuni. | |
| **It-3633 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin) li saret fi Brussell fis-16 ta' Lulju 2018** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-QKI fl-20 anniversarju mill-Istatut ta' Ruma*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali fl-okkażjoni tal-20 anniversarju tal-adozzjoni tal-Istatut ta' Ruma | 11240/18 |

| | |
|---|---|
| *Miżuri restrittivi kontra Al-Qaida: Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni*<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1000 tas-16 ta' Lulju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom<br>ĠU L 1781, 16.7.2018, p. 3-4 | 10489/18 |
| *Miżuri restrittivi kontra Al-Qaida: Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni*<br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/999 tas-16 ta' Lulju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2016/1686 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, gruppi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom<br>ĠU L 1781, 16.7.2018, p. 1-2 | 10492/18 |
| *Miżuri restrittivi kontra l-Maldivi - Deċiżjoni u Regolament*<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1006 tas-16 ta' Lulju 2018 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika tal-Maldivi<br>ĠU L 180, 17.7.2018, p. 24-28 | 10253/18 |
| *Miżuri restrittivi kontra l-Maldivi - Deċiżjoni u Regolament*<br>Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1001 tas-16 ta' Lulju 2018 dwar miżuri restrittivi minħabba fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika tal-Maldivi<br>ĠU L 180, 17.7.2018, p. 1-9 | 10267/18 |
| *Użbekistan: Direttivi għan-negozjar ta' Ftehim Komprensiv mar-Repubblika tal-Użbekistan*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jiftħu negozjati dwar, u jinnegozjaw, f'isem l-Unjoni, id-dispożizzjonijiet, li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, ta' Ftehim Komprensiv bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Użbekistan, min-naħa l-oħra | 10336/18 |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u Singapore*<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1047 tas-16 ta' Lulju 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra<br>ĠU L 189, 26.7.2018, p. 2-2 | 7322/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-emenda tal-Protokolli 1 u 4 għall-ftehim Ewro-Mediterranju mal-Marokk*<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1893 tas-16 ta' Lulju 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra<br>ĠU L 310, 6.12.2018, p. 1-3 | 10591/18 |

**Dikjarazzjoni mid-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Irlanda**

Id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Irlanda jenfasizzaw l-importanza ta' sħubija ekonomika u politika b'saħħitha bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk.

Id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Irlanda jissottolinjaw l-importanza tal-konformità mad-dritt tal-UE, li minnhom id-dritt internazzjonali jista' jiġi kkunsidrat bħala parti integrali meta jidħol fi ftehimiet bilaterali. Ħadna nota bir-reqqa tal-"Kontribut tas-Servizz Legali tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra - konsistenza mal-Qorti".

Id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Irlanda konsistentement enfasizzaw li ftehim għandu jkun konsistenti mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fil-21 ta' Diċembru 2016 fil-kawża C-104/16 P.

Aħna nieħdu l-kontenut u l-forma tal-Kontribut bħala evidenza li s-Servizz Legali tal-Kunsill iqis li d-dħul fil-ftehim ippreżentat huwa kompletament konsistenti mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fil-21 ta' Diċembru 2016 fil-kawża C-104/16 P u ma jippreġudikax l-istatus tas-Saħara tal-Punent. Id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Irlanda jkomplu jappoġġaw il-proċess tan-Nazzjonijiet Uniti biex tinstab soluzzjoni politika ġusta, dejjiema u reċiprokament aċċettabbli għas-Saħara tal-Punent.

Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Irlanda jappoġġaw l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-emenda tal-Protokolli 1 u 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju.

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Iżvezja**<br><br>L-Iżvezja tinnota b'riluttanza l-proposta għall-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill marbuta mal-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda għall-Protokolli 1 u 4. Meta l-Iżvezja vvutat favur l-awtorizzazzjoni għall-ftuħ tan-negozjati dwar l-adattament tal-protokolli għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, l-Iżvezja għamlitha ċar fid-dikjarazzjoni nazzjonali tagħha li l-bażi għal dan kien l-intendiment li ftehim futur jirrispetta bis-sħiħ id-dritt internazzjonali, inkluż is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża C-104/16 P. Iċ-ċertezza legali hi fl-interess ta' kulħadd. Din is-sentenza tgħid li ftehim mal-Marokk li jkopri t-territorju tas-Saħara tal-Punent irid ikollu l-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent. Konsegwentement, l-Iżvezja għamlitha ċar fid-dikjarazzjoni nazzjonali li aħna fhimna li "l-poplu kkonċernat" hu "l-poplu tas-Saħara tal-Punent," f'konformità mas-sentenza.<br><br>L-Iżvezja tirringrazzja lill-istituzzjonijiet tal-UE għall-ħidma sostantiva tagħhom tul in-negozjati, inkluż fit-tmexxija tal-proċess ta' konsultazzjoni. L-Iżvezja nnotat tajjeb il-Kontribut tas-Servizz Legali tal-Kunsill (WK 10738/18) filwaqt li kkonkludiet li ttieħdu "l-passi raġonevoli u fattibbli kollha biex jiġi aċċertat il-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent." L-Iżvezja tafferma mill-ġdid li hu kruċjali li l-poplu tas-Saħara tal-Punent jagħti l-kunsens tiegħu għall-ftehim, u nnotat ambigwitajiet fil-proċess ta' konsultazzjoni dwar jekk l-entitajiet li ġew ikkonsultati jistgħux jiġu definiti bħala l-poplu tas-Saħara tal-Punent. Fid-dawl tar-rifjuti għall-proċess ta' konsultazzjoni u/jew l-abbozz ta' ftehim, u b'mod partikolari l-oġġezzjonijiet ta' Polisario, ir-rappreżentant uffiċjali tal-poplu tas-Saħara tal-Punent fil-proċess tan-NU, l-Iżvezja mhijiex sodisfatta li l-eżitu tal-proċess ta' konsultazzjoni jista' jitqies li jikkostitwixxi l-kunsens liberu u infurmat tal-poplu tas-Saħara tal-Punent. | |

| **Proċeduri bil-miktub li tlestew fis-17 ta' Lulju 2018** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1016 tal-17 ta' Lulju 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea<br>ĠU L 181, 18.7.2018, p. 86-87 | 11045/18 |
| Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1009 tas-17 ta' Lulju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea<br>ĠU L 181, 18.7.2018, p. 1-2 | 11047/18 |

| **Proċedura bil-miktub li tlestiet fl-20 ta' Lulju 2018** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1107 tal-20 ta' Lulju 2018 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra<br>ĠU L 203, 10.8.2018, p. 1-1 | 10209/1/12 REV 1 |
| **Proċeduri bil-miktub li tlestew fis-26 ta' Lulju 2018** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1069 tas-26 ta' Lulju 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju (2018–2024)<br>ĠU L 194, 31.7.2018, p. 1-2 | 10854/18 |
| Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju (2018-2024)<br>ĠU L 194, 31.7.2018, p. 3-20 | 10856/18 |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1095 tas-26 ta' Lulju 2018 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju (2018–2024)<br>ĠU L 197, 3.8.2018, p. 1-2 | 10857/18 |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1070 tas-26 ta' Lulju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1970 li jiffissa għall-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar Baltiku<br>ĠU L 194, 31.7.2018, p. 21-22 | 11081/18 |

| **Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-30 ta' Lulju 2018** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1084 tat-30 ta' Lulju 2018 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2018/475<br>ĠU L 194, 31.7.2018, p. 144-146 | 10744/18 |
| Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1071 tat-30 ta' Lulju 2018 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/468<br>ĠU L 194, 31.7.2018, p. 23-26 | 10746/18 |